

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11772/26

SOC 490
ANTIDISCRIM 73
FREMP 243
TRANS 497
SPORT 38
CULT 94
DELECT 110

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4534 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'1.7.2026 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/2841 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kodiċi QR dwar il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-istabbiliment tal-kodiċi QR u l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 4534 final.

Mehmuż: C(2026) 4534 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2026
C(2026) 4534 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 1.7.2026

**li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/2841 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kodiċi QR
dwar il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-istabbiliment tal-kodiċi QR
u l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni
fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll kwistjonijiet
ta' interoperabbiltà**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva (UE) 2024/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ stabbiliet il-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, inkluż format standardizzat u aċċessibbli komuni għal kull kard, kif deskritt fl-Annessi I u II tad-Direttiva. L-oġġettiv huwa li tiġi ffaċilitata l-libertà tal-moviment tal-persuni b'diżabbiltà billi jiġi żgurat li, meta d-detenturi ta' daww il-kards jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru għajr dak li tiegħu jkun residenti għal soġġorn qasir, huma jingħataw aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, anke fejn ma jkunux ipprovduti bi ħlas, u kundizzjonijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ, offriti lil persuni b'diżabbiltà f'dak l-Istat Membru jew riżervati għalihom. Il-karti maħruġa minn Stat Membru huma rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha.

Filwaqt li d-Direttiva (UE) 2024/2841 tistabbilixxi l-formati komuni għall-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, jeħtieġ li jittieħdu aktar azzjonijiet biex tiġi evitata u miġġielda l-frodi, u biex ikunu jistgħu jsiru s-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' daww il-kards. Il-valutazzjoni tal-impatt (SWD/2023/291 final) li takkumpanja l-proposta għad-Direttiva rreferiet għall-frodi u l-falsifikazzjoni bħala wħud mill-problemi li jfixxlu l-implimentazzjoni tal-kard tal-UE għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà introdotta mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE² (emendata bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2008/205/KE³), li ppreċediet il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet u karatteristiċi tekniċi xierqa għas-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, li jqisu l-ispeċifikitajiet ta' dik il-kard. Barra minn hekk, huma meħtieġa aktar speċifikazzjonijiet biex jiġu stabbiliti l-kodiċijiet QR li għandhom jiġu inklużi fil-verżjonijiet fiżiċi taż-żewġ kards, kif awtorizzat mid-Direttiva. Għall-finijiet tal-iżgurar tal-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-kards, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri addizzjonali relatati mal-proċess ta' verifika tal-validità u l-awtentikità tagħhom. Dan il-proċess ta' verifika jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali u għalhekk jirrikjedi wkoll l-adozzjoni ta' salvagwardji xierqa għas-sigurtà ta' dik id-data, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

Għal dak l-għan, u f'konformità mas-setgħat stabbiliti fl-Artikoli 7 (7) u 8 (7) tad-Direttiva (UE) 2024/2841, dan ir-Regolament Delegat jistabbilixxi l-kodiċijiet QR dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, u jistabbilixxi karatteristiċi diġitali u speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni

¹ ĠU L, 2024/2841, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2841/oj>

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà (98/376/KE) ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25.

³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 li tadatta r-Rakkomandazzjoni 98/376/KE dwar kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, ĠU L 63/43, 7.3.2008, p. 43.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

b'diżabbiltà. Barra minn hekk, il-kwistjonijiet ta' interoperabbiltà u l-miżuri ta' sigurtà għad-data personali huma stabbiliti għaż-żewġ kards. Dawn jinkludu miżuri relatati mal-verifika tal-verżjonijiet fiżiċi tal-kards li jippermettu li l-kards invalidi jiġu identifikati bejn il-fruntieri, kif ukoll il-protezzjoni tad-data personali f'dan il-proċess.

Aktar setgħat biex jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni mogħtija mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill huma previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/2841 u se tittieħed azzjoni dwarhom fi stadju aktar tard. Dawk is-setgħat jinkludu l-istabbiliment tal-verżjonijiet diġitali aċċessibbli tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni u l-iżgurar tal-interoperabbiltà. Huwa essenzjali li kwalunkwe miżura meħuda f'dan ir-Regolament Delegat ma tippreġudikax il-kontenut ta' atti ta' implimentazzjoni futuri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/2841 jew toħloq ostakli għall-użu tal-verżjonijiet diġitali tal-kards ladarba jiġu introdotti.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha dwar dan ir-Regolament Delegat, inkluż ma' persuni b'diżabbiltà u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u fil-livell ta' esperti mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva (UE) 2024/2841.

Il-Kummissjoni organizzat sitt laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ u żewġ laqgħat ma' persuni b'diżabbiltà u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom matul l-2025 u l-2026. Dawn il-laqgħat ippermettew li jiżiedu diskussjonijiet dwar karatteristiċi possibbli kontra l-frodi u ta' sigurtà mal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u mal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll arranġamenti ta' interoperabbiltà. Il-parteċipanti ngħataw l-opportunità li jipprovdu feedback kemm fil-laqgħat kif ukoll sussegwentement bil-miktub. Barra minn hekk, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (il-Ftehim Interistituzzjonali)⁵, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill irċewew id-dokumenti kollha fl-istess ħin li rċewew l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom, f'kapaċità ta' osservatur, kellhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni.

L-abbozz tal-Att Delegat ġie ppubblikat fuq il-portal għal Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' feedback ta' ġimgħatejn, bejn il-15 t'April u t-30 t'April 2026. B'kolloxx, 53-il parti kkonċernata taw il-feedback tagħhom. Barra minn hekk, fil-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri fil-15 ta' Diċembru 2025 fl-14 ta' Jannar 2026 u fil-21 ta' April 2026, l-abbozz tar-Regolament delegat ġie ppreżentat lill-esperti tal-Istati Membri u ġie diskuss.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat huwa adottat abbażi tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni fl-Artikoli 7 (7) u 8 (7) tad-Direttiva (UE) 2024/2841 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva.

F'konformità mal-Artikolu 31 tal-Ftehim Interistituzzjonali, dan ir-Regolament Delegat jgħaqqad f'att wieħed żewġ setgħat interrelatati tad-Direttiva (UE) 2024/2841. L-Artikolu 7(7) tad-Direttiva jikkonċerna l-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà, filwaqt li l-

⁵ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj.

Artikolu 8(7) jappartjeni għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Dawn l-Artikoli jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi l-kodiċijiet QR u, jekk xieraq, karatteristiċi diġitali oħra tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jużaw mezzi elettroniċi għall-verżjonijiet fiżiċi taż-żewġ kards, kif ukoll miżuri ta' sigurtà xierqa għad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, bħal applikazzjonijiet komuni tal-Unjoni għall-qari ta' data li tinsab f'karatteristiċi diġitali fil-verżjoni fiżika tal-kards li jużaw mezzi elettroniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi. L-unika differenza bejn iż-żewġ setgħat hija relatata mas-sigurtà tal-verżjonijiet fiżiċi tal-kards, peress li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi karatteristiċi diġitali għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għal dak l-għan.

L-Artikolu 1 jispeċifika s-suġġett ta' dan ir-Regolament.

L-Artikoli 2 u 3 flimkien mal-Annessi I u II jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet għall-kodiċijiet QR dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni obbligatorji għas-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali għal sigurtà akbar tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplimentaw.

L-Artikolu 6, flimkien mal-Annessi I, II, III u IV, jirregola l-kwistjonijiet ta' interoperabbiltà fir-rigward tal-karatteristiċi diġitali tal-verżjonijiet fiżiċi tal-kards biex jippermetti l-użu transfruntier bla xkiel tagħhom u l-verifika tal-awtentiċità u l-validità tagħhom.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi miżuri ta' sigurtà għall-protezzjoni tad-data personali li tinsab fil-karatteristiċi diġitali dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'1.7.2026

li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/2841 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kodiċi QR dwar il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-istabbiliment tal-kodiċi QR u l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2024/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(7) u l-Artikolu 8(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2024/2841 tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà u mudelli komuni għal daww il-kards. F'konformità mal-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva (UE) 2024/2841, il-Kards Ewropej tad-Diżabbiltà u l-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.
- (2) Is-setgħat ipprovduti mill-Artikolu 7(7) u l-Artikolu 8(7) tad-Direttiva (UE) 2024/2841 għandhom l-istess skop, jiġifieri l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, is-sigurtà tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, inkluż permezz ta' miżuri ta' sigurtà xierqa għad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², kif ukoll l-iżgurar tal-interoperabbiltà. Peress li s-suġġett u l-oġġettivi tas-setgħat fil-biċċa l-kbira jikkoinċidu, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jissupplimentaw id-Direttiva (UE) 2024/2841 fir-rigward ta' daww il-kwistjonijiet f'att delegat wieħed.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2024/2841 tipprevedi li l-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà jkun fihom kodiċi QR bħala karatteristika diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li tuża mezzi elettroniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi. Bħala tali, il-kodiċijiet QR huma karatteristika diġitali obbligatorja li għandha tiġi stampata fuq il-kards fiżiċi kollha. Sabiex jiġi żgurat approċċ uniformi fil-ħolqien u fl-użu tal-kodiċijiet QR mill-Istati

¹ ĠU L, 2024/2841, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2841/oj>.

² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi biex tistabbilixxi l-kodiċijiet QR, inkluż il-kontenut tagħhom.

- (4) Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità se tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ eżistenti kollha għall-persuni b'diżabilità maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE³. Dik ir-Rakkomandazzjoni ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u tad-diġitalizzazzjoni u l-Istati Membri esperjenzaw problemi ta' frodi u falsifikazzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-karatteristiċi li jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, li jqisu l-ispeċifikitajiet tagħha bħall-fatt li normalment tkun wara l-windskrin tal-vettura.
- (5) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni għandhom jiġu introdotti biex jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. L-istampar tal-kard fuq materjal xieraq, bħall-polikarbonat, bl-użu ta' element ta' identifikazzjoni b'immaġini diffrattiva ottikament varjabbli jipproteġi b'mod effettiv kontra l-falsifikazzjoni. Mudelli kontra l-iskennjar ikomplu jżidu s-sigurtà billi jagħmlu d-duplikazzjoni tal-kard identifikabbli, peress li għandu jkun fihom test jew disinn moħbi, li jidher meta l-kard tiġi fotokopjata jew skennjata. Dawk il-karatteristiċi għandhom jiġu applikati mingħajr ma jiġi affettwat il-format tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità stabbilita fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/2841, inkluża d-dehra viżiva tal-kard.
- (6) Minbarra l-kodiċi QR u speċifikazzjonijiet tekniċi obligatorji oħra stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jinkorporaw karatteristiċi ta' sigurtà diġitali jew fiżiċi fakultattivi, abbażi ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni stabbiliti f'dan ir-Regolament, fil-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità biex tissaħħaħ is-sigurtà tagħha. Meta l-karatteristiċi diġitali fakultattivi jkun fihom aktar data personali minn dik prevista fil-verżjonijiet fiżiċi tal-kards, f'konformità mal-punt 3 (b) tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/2841, l-aċċess għal tali data għandu jkun limitat għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri emittenti u għall-utenti awtorizzati biss. Sabiex jinżamm qafas armonizzat għall-karatteristiċi ta' sigurtà fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li l-lista ta' karatteristiċi fakultattivi tkun eżawrjenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-integrazzjoni ta' karatteristika waħda jew aktar ta' sigurtà diġitali jew fiżika fakultattiva ma taffettwax ir-rikonossiment ta' kards validi minn Stati Membri oħra jew tikkomprometti l-interoperabbiltà u l-funzjonalità tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi obligatorji.
- (7) Il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jista' jkun fiha ċippa tal-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID) bħala karatteristika tas-sigurtà diġitali fakultattiva. L-RFID tuża mewġ elettromanjetiku radjanti jew akkoppjament tal-kamp reattiv fil-porzjon tal-ispettru korrispondenti għall-frekwenzi tar-radju biex isseħħ komunikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet ma' tikketta permezz ta' diversi sistemi ta' modulazzjoni u kodifikazzjoni sabiex tinqara, b'mod ċar, l-identità tat-tikketta ta' frekwenza tar-radju jew xi data oħra li tkun fiha⁴. Iċ-ċipep tal-RFID

³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/1998/376/oj>).

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2009 dwar l-implimentazzjoni ta' prinċipji għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-data f'applikazzjonijiet li jużaw l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3200)(ĠU L 122, 16.5.2009).

jistgħu jsaħħu l-protezzjoni kontra l-falsifikazzjoni u t-tbagħbis billi jaħżnu jew jitrażmettu b'mod sigur data relatata mal-karti. Il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jista' jkun fiha wkoll linka ottikament varjabbli jew linka li taqleb il-kulur. Linka bħal din tipprovdi protezzjoni adegwata kontra l-ikkupjar u t-tbagħbis tal-karta mingħajr il-ħtieġa ta' personalizzazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li d-data tal-kard tkun protetta kif xieraq kontra tentattivi ta' ffalsifikar u falsifikazzjoni, it-test tal-kampijiet tad-data jista' jiġi integrat fil-materjal bażiku tal-kard bl-użu tat-teknoloġija tal-inċiżjoni bil-laser. Il-karatteristiċi fiżiċi tas-sigurtà, kemm jekk stabbiliti bħala obbligatorji kif ukoll jekk ikunu fakultattivi f'dan ir-Regolament, li ma humiex viżibbli jew li jsiru viżibbli wara ċerti manipolazzjonijiet ma jikkontradixxux il-format tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/2841.

- (8) L-avvanzi teknoloġiċi, is-sistemi ta' verifika tal-parkeġġ u r-riskji għas-sigurtà qed jevolvu kontinwament. L-oġġla livell ta' żvilupp tekniku jibqa' jiżviluppa u l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jevolvi, xprunat kemm mill-feedback tal-utenti kif ukoll mill-progress teknoloġiku, u l-istess jagħmlu t-tekniki ta' frodi u falsifikazzjoni, li jwasslu għal sfidi ta' sigurtà li qed jevolvu. Għalhekk, soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda, inkluż dawk fil-verifika tal-parkeġġi kif ukoll il-bżonnijiet ta' sigurtà u l-prevenzjoni kontra l-frodi jistgħu jeħtieġu bidliet fl-arkitettura tas-sigurtà u kontra l-frodi tal-kards, inkluż permezz tal-aġġornament tal-kategorizzazzjoni tal-karatteristiċi diġitali bħala obbligatorji jew fakultattivi. Skont l-iżviluppi teknoloġiċi, dan jista' jeħtieġ l-aġġornament ta' dan ir-Regolament.
- (9) Sabiex jiġi żgurat li l-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jintużaw mingħajr xkiel fl-Istati Membri kollha, huwa meħtieġ li tiġi ggarantita l-interoperabbiltà tal-karatteristiċi diġitali fuq il-kards fiżiċi, b'mod partikolari l-kodiċijiet QR. Jenħtieġ li l-interoperabbiltà tippermetti l-verifika tal-awtentiċità u tal-validità tal-verżjonijiet fiżiċi tal-kards mill-verifikaturi tal-kards — kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tivverifika l-validità u l-awtentiċità tal-verżjonijiet fiżiċi tal-kards, pereżempju permezz ta' applikazzjoni għall-verifika. Għal dak l-għan, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-interoperabbiltà sabiex il-verifiki transfruntiera tal-verżjonijiet fiżiċi tal-kards ikunu jistgħu jitwettqu b'mod konsistenti u affidabbli.
- (10) Sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-oriġini tad-data li tinsab fil-kodiċijiet QR dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, jenħtieġ li dik id-data tiġi ssiġillata b'siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Il-kodiċi QR jikkonferma l-awtentiċità u l-validità tal-kard fiżika, meta kontroverifikata mal-parametri ta' verifika, u fih innifsu ma għandux jiċċertifika l-istatus ta' diżabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità.
- (11) Sabiex jiġu ffaċilitati l-interoperabbiltà u l-istabbiliment ta' sistema ta' verifika affidabbli u sigura tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jiġu

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj>).

stabbiliti mekkaniżmi ta' notifika u pubblikazzjoni tal-informazzjoni. F'dan ir-rigward, u sabiex tkun tista' ssir il-verifika li l-verżjonijiet fiżiċi tal-kards jinħarġu minn awtorità jew korp kompetenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-proċess ta' verifika, speċifikament l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi vverifikat is-siġill elettroniku kwalifikat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-verżjonijiet fiżiċi tal-kards (emittenti tal-kards), kif ukoll l-informazzjoni amministrattiva u teknika rilevanti relatata magħhom. L-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' verifika interoperabbli għall-verifika tal-validità u l-awtentiċità tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-aċċess pubbliku għal dik l-informazzjoni.

- (12) Barra minn hekk, f'każ ta' revoka tal-kard, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar ir-revoka tal-kard tkun disponibbli minnufih biex il-verifikaturi tal-kard ikunu jistgħu jivverifikaw il-validità tal-kard. Għal dan l-għan, l-emittenti tal-kards għandhom iżommu u jippubblikaw f'waqthom listi li jkun fihom informazzjoni dwar l-istatus ta' revoka tal-kards kollha li jkunu rrevokaw qabel id-dati ta' skadenza tagħhom (listi ta' revoka). Tali pubblikazzjoni jenħtieġ li tirrispetta l-privatezza u tipproteġi d-data personali tad-detenturi tal-kard. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-listi ta' revoka ma jkun fihom l-ebda data personali għajr l-identifikaturi uniċi ta' revoka u jenħtieġ li jiġu ppubblikati f'Identifikatur Uniformi tar-Riżorsi (URI) speċifiku f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex tiġi żgurata l-verifika interoperabbli.
- (13) Biex jinqara l-kodiċi QR u jiġu vverifikati l-awtentiċità u l-validità tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, jistgħu jintużaw applikazzjonijiet ta' verifika personalizzati fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa dan il-proċess billi tipprovdi kodiċi tas-sors tal-kampjun komuni għall-fini tal-qari tad-data li tinsab fil-kodiċijiet QR, u għat-tweġġ tal-passi ewlenin tal-proċess ta' verifika, li jista' jservi bħala bażi għall-applikazzjonijiet ta' verifika fl-Istati Membri. L-applikazzjonijiet kollha ta' verifika jenħtieġ li jwettqu l-istess loġika ta' verifika tal-katina ta' fiduċja mal-istess infrastruttura ta' fiduċja, u b'hekk jippermettu l-qari tad-data kkodifikata fil-kards mill-Istat Membru emittenti. Barra minn hekk, l-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri. fejn applikabbli.
- (14) Filwaqt li tirrikonoxxi n-natura dinamika tal-avvanzi teknoloġiċi u t-theddid għaċ-ċibersigurtà li qed jevolvi, l-Unjoni hija impenjata li tiżgura li l-mekkaniżmi kriptografiċi użati fil-qafas regolatorju tagħha jibqgħu effettivi u siguri. Fid-dawl ta' dan l-impenn, huwa importanti li jiġu adottati standards kriptografiċi approvati mill-Grupp Ewropew ta' Ċertifikazzjoni ta' Ċibersigurtà u mxerrda permezz tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA).
- (15) Ir-Regolament (UE) 2016/679 japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq taħt dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-verifika tal-kodiċijiet QR dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tinvolvi l-ipproċessar ta' data personali. Għalhekk, jenħtieġ

⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj>)

li jiġu stabbiliti salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali li tinsab fil-kodiċijiet QR f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, fejn applikabbli. Il-miżuri ta' sigurtà ġenerali previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-protezzjoni tad-data personali li tinsab fil-kodiċijiet QR. Barra minn hekk, id-data personali li tinsab fil-kodiċijiet QR jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-fini ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, iż-żamma tad-data wara li titlesta l-verifika għandha tkun ipprojbata. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi żgurata sigurtà xierqa tal-listi ta' revoka.

- (16) F'konformità mal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva (UE) 2024/2841, fit-tnejn ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni kkonsultat mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom kif ukoll mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁷.
- (17) Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard tal-UE għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà jikkostitwixxu servizz pubbliku diġitali trans-Ewropew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Għaldaqstant, twettqet valutazzjoni tal-interoperabbiltà, u r-rapport li jirriżulta għandu jiġi ppubblikat fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli msemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/903.
- (18) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat dwar dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, u ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Mejju 2026,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati li jissupplimentaw id-Direttiva (UE) 2024/2841 fir-rigward ta':

- (a) l-issettjar tal-kodiċi QR dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, inkluż miżuri ta' sigurtà xierqa għad-data personali;
- (b) It-twaqqif ta' speċifikazzjonijiet komuni mandatorji u ta' dawk tekniċi fakultattivi biex jiżguraw is-sigurtà tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità;
- (c) l-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà meħtieġa biex jiġi żgurat li l-kodiċijiet QR dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard

⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jstipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli), (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa fi Stat Membru wieħed ikunu jistgħu jinqraw u jiġu vverifikati b'mod affidabbli fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 2

Kodiċi QR dwar il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità

L-ispeċifikazzjonijiet għall-kodiċi QR li għandu jidher fuq il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 3

Kodiċi QR dwar il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

L-ispeċifikazzjonijiet għall-kodiċi QR li għandu jidher fuq il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 4

Speċifikazzjonijiet tekniċi komuni mandatorji għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità

1. Il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni li ġejjin:
 - (a) għandhom ikunu magħmula minn materjal li jipproteġi kontra d-delaminazzjoni u li jkun kapaċi jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/2841 u ma' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni obbligatorji oħra stabbiliti f'dan l-Artikolu;
 - (b) għandu jkun fihom element ta' identifikazzjoni b'immagħni diffrattiva ottikament varjabbli bħala element ta' struttura b'saffi li jsir viżibbli meta l-kard titqies minn ċertu angolu;
 - (c) dawn għandhom isiru bl-użu ta' disinn kontra l-iskennjar li jsir viżibbli meta kard tiġi fotokopjata jew skennjata.
2. L-element ta' identifikazzjoni b'immagħni diffrattiva ottikament varjabbli msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jidher fuq in-naħa ta' quddiem tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fuq kamp tad-data wieħed jew aktar fuq in-naħa tax-xellug. Għandu jkun għoli bejn wieħed u ieħor 20 mm u wiesa' bejn wieħed u ieħor 20 mm. L-immagħni murija fuq l-apparat għandha tikkonsisti f'mappa stilizzata tal-Istat Membru emittenti jew il-kodiċi ta' distinzjoni tal-Istat Membru emittenti mdawwar biċ-ċirku ta' 12-il stilla li jissimbolizza l-Unjoni.
3. Id-disinn kontra l-iskennjar imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), għandu jidher fuq in-naħa ta' quddiem tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fuq il-kampijiet tad-data fuq in-naħa tax-xellug u/jew fuq in-naħa tal-lemin barra mill-kodiċi QR u ż-żona silenzjuża. Għandu jkun fiha test jew disinn moħbi, li jidher meta l-kard tiġi fotokopjata jew skennjata. Meta d-disinn kontra l-iskennjar ikun fih test moħbi, dan għandu jikkonsisti mill-kliem "COPY" jew "VOID", u traduzzjoni tiegħu f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti. Meta d-disinn anti-scan ikun fih disinn moħbi, dan għandu jkun magħmul minn linji orizzontali jew vertikali.

Speċifikazzjonijiet u karatteristiċi tekniċi fakultattivi għas-sigurtà tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

1. Minbarra l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni obligatorji msemmija fl-Artikolu 4, l-Istati Membri jistgħu japplikaw biss l-ispeċifikazzjonijiet u l-karatteristiċi tekniċi fakultattivi stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jista' jkun fiha ċippa tal-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID). Iċ-ċippa tal-RFID għandha tipprevjeni u tiġġielel il-frodi permezz ta' mezzi elettroniki u sservi bħala mezz addizzjonali għall-verifika tal-awtentikità u/jew tal-validità ta' verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fil-livell nazzjonali. Iċ-ċippa tal-RFID ma għandhiex taffettwa l-funzjonament tal-kodiċi QR fuq il-kard.
3. Kwalunkwe ċippa tal-RFID imsemmija fil-paragrafu 2 għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) għandha tkun passiva;
 - (b) għandha tkun fiżikament integrata fil-qafas tal-kard fuq in-naħa tal-lemin ta' quddiem;
 - (c) għandha tkun marbuta b'mod loġiku mar-rekord tal-kodiċi QR u għandu jkun fiha l-istess identifikatur tar-revoka (RID) bħal dak ikkodifikat fil-kodiċi QR;
 - (d) il-karatteristika tal-RFID għandha tappoġġa qari ta' madwar metru (1) jew aktar fejn meħtieġ għall-użu operattiv, iżda ma għandhiex tkun iddisinjata għal qari affidabbli lil hinn minn 5 metru fil-kundizzjonijiet tat-test ta' referenza.;
 - (e) wara l-ħruġ tal-kard, l-aċċess għall-kitba għaċ-ċippa tal-RFID, jew għaż-żona tad-data rilevanti tagħha, għandu jiġi evitat jew ikkontrollat b'xi mod ieħor mill-awtorità emittenti;
 - (f) għandha tkun iddisinjata u kkonfigurata b'tali mod li timminimizza r-riskju ta' kklonjar, sostituzzjoni, modifika mhux awtorizzata u kitba mill-ġdid mhux awtorizzata;
 - (g) għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰;
 - (h) minbarra l-RID imsemmi fil-punt (c), iċ-ċippa tal-RFID tista' taħżen biss wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (i) Data mdaħħla fil-kodiċi QR tal-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità;
 - (ii) numru tal-pjanċa tal-vettura;
 - (iii) data ta' verifika kriptografika.
4. In-naħa ta' quddiem tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jista' jkun fiha waħda jew aktar mill-karatteristiċi li ġejjin:

¹⁰ Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/53/oj>).

- (a) is-simbolu tas-siġġu tar-roti fuq in-naħa tax-xellug jew il-kliem Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità bl-Ingliż u lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru emittenti fuq in-naħa tal-lemin, stampati b'linka ottikament varjabbli jew linka li tibdel il-kulur, li jiżvelaw kuluri li jinbidlu meta wieħed jarahom minn angoli differenti;
 - (b) l-użu tat-teknoloġija tal-inċiżjoni bil-lejżer li tippenetra fis-saffi tal-kard biex tistampa t-test fl-oqsma tad-data.
5. L-introduzzjoni ta' speċifikazzjonijiet u karatteristiċi tekniċi fakultattivi msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex taffettwa r-rikonoxximent, fl-Istat Membru li jkun introduċa tali karatteristiċi għall-kards li joħroġ, ta' kards validi maħruġa fi Stati Membri oħra.

Artikolu 6

Kwistjonijiet ta' interoperabbiltà

1. L-informazzjoni inkluża fil-kodiċi QR għandha tiġi ssiġillata b'siġill elettroniku kwalifikat skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.
2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ("emittenti tal-kards"), u kwalunkwe aġġornament sussegwenti għal dik l-informazzjoni f'konformità mal-Anness III. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-aċċess pubbliku għal dik l-informazzjoni.
3. L-emittenti tal-kards għandhom iżommu u jippubblikaw f'Identifikatur Uniformi tar-Riżorsi li jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni listi ta' revoka aġġornati li jkun fihom informazzjoni dwar l-istatus ta' revoka tal-kards kollha li jkunu rrevokaw skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness IV. L-informazzjoni dwar ir-revoka għandha tiġi ppubblikata fi żmien 24 siegħa minn dik ir-revoka.
4. L-Istati Membri jistgħu jużaw applikazzjonijiet ta' verifika biex jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.
5. Meta l-Istati Membri jużaw applikazzjonijiet ta' verifika biex jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità tal-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, tali applikazzjonijiet għandhom ikunu kapaċi jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità ta' kard billi jivverifikaw is-siġill elettroniku u l-istatus ta' revoka tal-kard. Dawn l-applikazzjonijiet għall-verifika għandhom jaqraw, u jippreżentaw rappreżentazzjoni viżiva tad-data personali kodifikata fil-kodiċi QR tal-kard, kif stabbilit fl-Annessi I u II, biex ikun jista' jsir tqabbil mad-data viżibbli fil-kampijiet tad-data korrispondenti fuq il-kard, u indikazzjoni dwar l-istatus tal-validità tal-kard.

Artikolu 7

Miżuri ta' sigurtà għall-protezzjoni tad-data personali

1. Id-data personali li tinsab fil-kodiċijiet QR dwar il-verżjonijiet fiżiċi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu vverifikati l-awtenticiċità u l-validità tal-kards, kif stabbilit fl-Annessi I u II.

2. Wara t-tlestija tal-verifika tal-awtenticiċità u tal-validità ta' verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità minn verifikaturi tal-kard, id-data li tinsab fil-kodiċijiet QR ma għandhiex tinżamm mill-verifikaturi tal-kard.
3. Il-verifika ta' kodiċi QR fuq verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ma għandhiex twassal biex l-awtorità jew il-korp kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-kard jiġi nnotifikat b'dik il-verifika.
4. L-informazzjoni inkluża f'lista ta' revoka ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 6(3) għandha tkun limitata għall-identifikatur tar-revoka tal-kards revokati.
5. L-awtorità jew il-korp responsabbli għall-pubblikazzjoni tal-listi ta' revoka f'konformità mal-Artikolu 6(3) għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi xierqa japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali li tinsab fil-listi ta' revoka.
6. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jinkorpora ċippa tal-RFID fil-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, il-paragrafi 2 sa 3 għandhom japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali li tinsab f'dik iċ-ċippa. Id-data personali li tinsab fiċ-ċippa tal-RFID għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu vverifikati l-awtenticiċità u/jew il-validità tal-kards, kif stabbilit fl-Artikolu 5(3).

Meta Stat Membru jaħżen fiċ-ċippa tal-RFID data personali msemmija fl-Artikolu 5, li ma tkunx prevista fil-verżjoni fiżika tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità kif stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/2841, l-aċċess għal tali data għandu jkun limitat għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru emittenti u għall-utenti awtorizzati biss.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1.7.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN